7 ta' Awissu 2008

ISEM
INDIRIZZ
Numru ta' l-impjegat:

Sinjur/a,

Bħala parti mill-proċess ta' privatiżżazzjoni tas-settur tat-tarznari f'Malta, il-*Malta Shipyards Limited* sejra għall-aħħar darba tniedi skemi ta' rtirar kmieni u riżenji volontarji għal dawk l-impjegati kollha li huma meqjusa eliġibbli biex japplikaw. Dawn l-iskemi qed jiġu offruti fi sfond tad-deċiżjoni li t-Tarzna ma tistax tibqa tirċievi sussidji wara l-31 ta' Diċembru ta' din is-sena, kif ukoll biex din l-industrija issir kummerċjalment vijabbli bl-involviment tas-settur privat. L-iskemi li se jinħarġu huma erbgħa u japplikaw skond kemm ikollu eta' l-impjegat fil-31 ta' Lulju 2008 kif jidher hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Skema 'A' | Rtirar kmieni għal ħaddiema li għandhom 56 sena jew aktar; |
| Skema 'B' | Riżenji volontarji ta' ħaddiema li għandhom bejn 50 u 55 sena; |
| Skema 'Ċ' | Riżenji volontarji ta' ħaddiema li għandhom bejn 40 u 49 sena; |
| Skema 'D' | Riżenji volontarji ta' ħaddiema li għandhom inqas minn 40 sena. |

Int eliġibbli li tapplika għal Skema ___. Din l-iskema hi miftuħa sal-31 ta' Ottubru 2008 u hija suġġetta għal kundizzjonijiet kif spjegati fid-dokument mehmuż (Dokument I).

F'każ li inti tagħżel li tirriżenja volontarjament taħt din l-iskema, inti tkun intitolat għas-somma ta' €___________, kemm-il darba l-applikazzjoni tiegħek tasal għand il-*Management* sa l-aħħar ta' Settembru 2008. Ħaddiema li l-applikazzjoni tagħhom tasal bejn l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Ottubru 2008 ikunu ntitolati biss għal 85% ta' din is-somma. Int intitolat ukoll għal somma *ex gratia* (mhux taxxabbli) ta' €_________ skond is-snin ta' servizz. Mehmuż għandek issib il-formola ta' l-applikazzjoni għal din l-iskema (Dokument II) biex jekk inti nteressat, tiffirmaha u tgħaddiha lill-kumpanija billi:

- tibgħatha bil-posta fis-*self addressed envelope* li qed jintbagħat ma' din l-ittra (ibgħat ukoll fotokopja tal-karta ta' l-identita'); jew
- tmur biha personalment f'wieħed mill-*Help Desks* li se jitwaqqfu apposta għal dan il-għan kif indikat hawn taħt.

Kopji ta' din l-applikazzjoni jistgħu wkoll jinġabru mill-*Help Desks*. Ma jiġux aċċettati aktar applikazzjonijiet wara l-31 ta' Ottubru 2008. F'każ ta' diffikulta', jew jekk trid aktar informazzjoni, inti mħeġġeġ tikkomunika mal-*Help Desks* bit-telefon fuq il-*freephone* 156 jew tmur personalment:

- Floriana *Help Desk* – L-Istitut Kattoliku, Triq San Publiju, Floriana.
- San Ġwann *Help Desk* – MIMCOL, Enterprise Centre, San Ġwann Industrial Estate, Birkirkara.

Uffiċċjali tal-kumpanija, tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u tal-Korporazzjoni għall-Impjieg u t-Taħriġ (ETC) se jkunu f'dawn il-*Help Desks* bejn it-8.30 a.m. u s-6.00 p.m. mit-Tnejn sal-Ġimgħa u bejn it-8.30 a.m. u l-12.00 p.m. is-Sibt, sabiex iwieġbu l-mistoqsijiet tiegħek. Informazzjoni relatata ma' l-iskemi tista' wkoll issibha fis-sit elettroniku **www.skemitarzna.com**.

Dejjem tiegħek,

_______________
Robert Aquilina
**Chairman**

**Dokument I**

**MALTA SHIPYARDS LIMITED**

**KUNDIZZJONIJIET TA' SKEMA 'B'**

Din l-iskema volontarja hi miftuħa għal dawk l-impjegati li l-eta' tagħhom tkun bejn 50 u 55 sena fil-31 ta' Lulju 2008.

Impjegat li japplika għal din l-iskema jirċievi somma *ex-gratia* (mhux taxxabbli) ekwivalenti għal għoxrin ġimgħa paga għal kull sena li jifdal mill-31 ta' Lulju 2008 sakemm dan jagħlaq is-56 sena. Is-somma tiġi kkalkulata *pro rata* sa l-eqreb xahar sħiħ u tista' tlaħħaq massimu ta' €28,000. Barra minn hekk l-imjegat ikun intitolat għal pagament *ex gratia* (mhux taxxabbli) skond is-snin ta' servizz.

Ma' l-egħluq tas-56 sena, l-mpjegat jkun intitolat għal żewg terzi tal-paga bażika sad-data li fiha l-persuna li rtirat kmieni tibda tirċievi l-pensjoni tas-Sigurta' Soċjali. L-ogħla rata li impjegat jista' jieħu bħala pensjoni taħt din l-iskema hi ta' żewġ terzi ta' €16,601.44, li hi l-pensjoni massima skond il-liġi. Kull min jieħu din il-pensjoni jkun intitolat ukoll għal żewġ terzi taż-żieda li tingħata kull sena għall-għoli tal-ħajja, kif ukoll għall-bonus sħiħ ta' Ġunju u Diċembru u żewġ terzi tal-bonus ta' Marzu u Settembru.

Din ir-rata ta' żewġ terzi tkun tiddependi min-numru ta' kontribuzzjonijiet (bolol) li persuna tkun ħallset jew kellha akkreditati lilha tul il-ħajja assigurabbli tagħha. Dan ifisser li fejn hemm perjodi ta' bolol neqsin ir-rata ta' pensjoni tista' tonqos.

Impjegat li jieħu din l-iskema jista' jsib xogħol ieħor inkluż xogħol ma' l-operatur li jieħu f-idejh it-tmexxija tat-tarzna jekk dan ikun magħżul, jew jista' wkoll jaħdem għal rasu. Jekk l-impjegat isib xogħol jew jibda' jaħdem għal rasu sakemm jagħlaq is-56 sena, dan ma jkollu ebda effett fuq is-somma li jkun irċieva permezz ta' din l-iskema. Jekk il-persuna li tirtira kmieni taħt din l-iskema tidħol f'impjieg ieħor (inkluż xogħol għal rasha), l-ebda kontribuzzjoni (bolla) ma hi dovuta fuq ir-rata ta' pensjoni. Madankollu, f'dan il-każ, il-persuna tkun trid tħallas il-bolla fuq id-dħul mill-impjieg l-ieħor skond kif titlob il-liġi tas-Sigurta' Soċjali.

F'każ li persuna li tkun qiegħda tieħu l-pensjoni ta' rtirar kmieni tinqabad taħdem b'mod illegali jew ikollha xi dħul mhux iddikjarat, awtomatikament titlef id-dritt għal din il-pensjoni.

Malli persuna tieħu din l-iskema u sakemm ma tkunx bdiet xi mpjieg ieħor (inkluż xogħol għal rasha), il-kontribuzzjoni tas-Sigurta Soċjali (bolla) dovuta fuq ir-rata ta' pensjoni tibda tiġi mħallsa mill-Gvern sad-data li fiha l-persuna li rtirat kmieni tibda tirċievi l-pensjoni tas-Sigurta' Soċjali. F'dan il-każ, jekk minbarra l-pensjoni wieħed ikollu dħul ieħor mhux minn xi mpjieg (per eżempju interessi, dħul minn xi kera, eċċ.), dan ikun irid iħallas id-differenza fil-bolla dovuta skond il-liġi tas-Sigurta' Soċjali.

Flimkien mad-dritt li impjegat li jaqa' taħt din l-skema jsib impjieg ieħor, fin-nuqqas ta' dan, jista' wkoll jirreġistra għax-xogħol taħt *'Part 1'* tar-Reġistru tal-Impjieg

skond l-Att Numru XXVIII ta' l-1990 – Klawsola 11 u jirċievi l-benefiċċji soċjali dovuti lilu skond il-liġi mingħajr l-ebda tnaqqis.

Kull somma ta' flus li titħallas skond kif hawn fuq spjegat tkun finali u l-impjegat m'għandu jedd għal ebda pretensjoni, dritt jew kumpens ieħor mill-kumpanija in konnessjoni ma' l-impjieg tiegħu u mat-terminazzjoni ta' l-istess impjieg (inkluż kwalunkwe dritt għal *notice* u bonus għal servizz) ħlief biss għall-paga sad-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg, il-pensjoni malli jagħlaq is-56 sena 'l quddiem, ħlas għal-*leave* pendenti u l-bonus statutorju *pro rata*.

Impjegat li jkun tefa' l-applikazzjoni tiegħu għal din l-iskema ma jistax jirtiraha.